MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Numru 934/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**

v

**CARMELO CASSAR**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CARMELO CASSAR** ta' sitta w hamsin sena iben il-mejtin Joseph u Maria nee Barun, imwieled Haz Zabbar nhar t-tmienja ta' Settembru 1947 u residenti 24, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` numru 836847M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'Haz Zabbar bejn s-sitta w ghoxrin ta' Mejju 2002 u l-wiehed u ghoxrin ta' Mejju 2002, b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li

kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, bhala l-proprjetarju jew konsumatur u bhala l-persuna responsabbli ghal meter tal-elettriku tal-fond 24, Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, Haz Zabbar, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar tal-meter, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ta' mitejn hamsa w erbghin lira tmienja w disghin centezmu u erbgha millezmi ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin.

U aktar talli fl-istess zmien ghamel hsara voluntarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal hlas tal-ispejjez peritali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tnejn u ghoxrin ta' Marzu 2004.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat erbatax ta' Novembru 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Qiset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-koperazzjoni tal-imputat kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante u l-fedina penali tal-imputat li mhiex daqstant rifrettarja u ghandha biss registrat fuqha numru ta’ kontravenzjonijiet u reati zghar kontra l-Ordinanza tat-Traffiku meta nghata pieni ta’ ammendi.

Semghet lil Ian Vella jiddikjara li l-ammont imsemmi u cioe dak ta' mitejn hamsa w erbghin lira tmienja w disghin centezmu u erbgha millezmi, gie mhallas lil Korporazzjoni Enemalta u ghalhekk tali korporazzjoni m'ghandha ebda pretenzjonijiet kontra l-imputat.

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 18, 261, 263, 270 u 326(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat CARMELO CASSAR hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi billi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ sena mill-lum ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta, l-Qorti rat illi ma gew nominati ebda periti f'dan il-kaz u ghaldaqstant tali talba qieghda tigi michuda.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------